**25 ta' April, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Maria Rosa Muscat Baldacchino

*versus*

Edward Vincenti Kind noe

**Azzjoni redibitorja — Preskrizzjoni — Dekadenza — Art. 1481 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-ġurisprudenza t-terminu ta' xahar mogħti mill-liġi għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni redibitorja f'każ ta' oġġett mobili huwa wieħed ta' dekadenza, u allura l-mezzi interruttivi huma biss id-domanda ġudizzjali u r-rikonjizzjoni. Il-protesti, id-diffidamenti u t-trattativi ma humiex idonei biex jimpedixxu d-dekadenza.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attriċi — wara li ppremettiet illi hi xtrat mingħand il-konvenut washing-machine "Sauter" bil-prezz ta' wieħed u sittin lira (£61) — u li dina l-washing machine hija talment difettusa li ma tista' qatt tinqeda biha mingħajr l-intervent ta' persuna teknika li sallum ma rnexxiliex tirranġaha, — u li dana d-difett huwa sostanzjali u qiegħed jirrendi l-magna inadatta għall-użu li għalih ġiet mixtrija — talbet li tiġi risoluta l-imsemmija vendità, u l-konvenut ikun ikkundannat iħallas u jirrestitwixxi lilha l-prezz ta' wieħed u sittin lira (£61) ġia minha mħallas, amenocchè hu ma jippreferixxix jissostitwixxi l-istess Washing-Machine ma waħda ġdida li tkun taħdem efficjentement. Bl-ispejjeż, komprizi tal-ittra uffiċjali tat-tlieta (3) ta' Mejju, 1961:

Omissis;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha ssottometta illi l-azzjoni ma saritx fit-terminu stabbilit fl-artikolu 1481 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Semgħat bil-ġurament lill-attriċi;

Semgħat lid-difensuri tal-kontendenti;

Tikkunsidra dwar dina l-aħħar eċċezzjoni illi l-attriċi ma eżerċitatx l-azzjoni fiż-żmien stabbilit mill-liġi;

Illi l-azzjoni eżerċitata mill-attriċi hija dik redibitorja u din l-azzjoni, skond l-artikolu fuq imsemmi, trattandosi ta' ħaġa mobbli, kif hi l-"Washing-Machine" fil-kwistjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' xahar minn dak inhar tal-konsenja tal-ħaġa;

Illi mix-xhieda ta' l-attriċi jirriżulta li l-azzjoni ġiet minnha eserċitata wara li kien għadda ż-żmien ta' xahar fuq imsemmi;

Illi dan it-terminu — skond il-ġurisprudenza — jikkostitwixxi dekadenza, u allura l-mezzi interruttivi huma biss iddomanda ġudizzjali u r-rikonjizzjoni. Il-protesti, id-diffidamenti u t-trattativi ma humiex idonei biex jimpedixxu d-dekadenza;

Illi skond ix-xhieda ta' l-attriċi ma kienx hemm qatt irrikonjizzjoni tal-konvenut tal-vizju u l-konsegwenti leġittimità tar-reklam tagħha. Hi, infatti, xehdet: "Il-konvenut qatt ma ammetta li l-magna hija difettuża jew li kellu joħodha lura".

Għaldaqstant:

Tilqa' l-eċċezzjoni u tiċħad it-talba, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.